# PJAN TAL-LEZZJONI

**Titlu: Meta nkunu flimkien inkunu ferħanin**

**Subtitle: 8.9 Għandna bżonn lil xulxin**

**Għanijiet:**



Sal-aħħar ta' din il-lezzjoni, it-tfal ser:

1. jifhmu l-importanza li ngħinu lil xulxin.
2. jitgħallmu li meta jgħinu lil ħaddieħor dan għandhom jagħmluh mill-qalb u mhux biex nintgħoġbu.
3. jilagħbu logħba f'tim li biha jifhmu aħjar l-importanza ta' 'teamwork'.
3. jifhmu li meta jagħmlu dak li hemm bżonn, iħossuhom ferħanin.

**Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Video Human Helping Hands https://www.youtube.com/watch?v=c5bRWwOvvys
- Diska 'Once we help' https://www.youtube.com/watch?v=GArRCWGvDM8
- Video sa 2:20 https://www.youtube.com/watch?v=gugTrC0idwo
- Pawerpojnt

Karta ta' taħriġ: 8.8

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Uri l-vidjow ta' ħaddiema jippruvaw itellgħu l-ka tat-trakk lura f'postha. It-tfal ser jaraw kif għall-ewwel ma bediex jirnexxielhom iżda wara jirnexxilhom isolvu l-problema bil-ħadmu lkoll flimkien. Wara staqsi lit-tfal, "X'ġara fil-video?" "X'jidrilkom minn dawn in-nies?" Eliċita sa ma' l-punt ta' teamwork joħroġ.
- Ikteb il-kelma TEAM fuq il-board u staqsi lit-tfal xi jfisser għalihom li wieħed jaħdem f'team.  Niżżel il-punti tat-tfal u fl-aħħar uri li li mill-kelma TEAM nistgħu noħorġu din it-tifsira:

T - together

E - everyone

A – achieves

M – more

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



- Spjega li fil-lezzjoni tal-llum ser naraw l-import li ngħinu jew inferħu lil ta' madwarba anki jekk h nies li m'aħniex ħbieb magħhom. Spjega li meta ngħinu lil ħaddieħor, mhux min jingħata l-għajnu biss ikun aktar ferħan imma kif ukoll dak li jkun għen. Jekk sempliċiment immorru nżuru lil xi ħadd l-siptar aħna nkunu qed ngħinuh billi nferħuh.

<u>Video: Human Helping Hands</u>

- Spjega li issa ser jaraw filmat ieħor fejn fih ser jaraw kif b'azzjonijiet żgħar in-nies huma kapaċi jgħinu u jferħu lil xulxin.

iddiskuti x'laqathom l-iżjed lit-tfal u staqsihom sabiex isemmu azzjonijiet ta' għajnuna differenti milli raw.

-

- spjega li huma wkoll jistgħu jgħinu lil dawk ta' madwarhom.

Pawerpojnt:

- Uri  stampi differenti fejn ser jiġu msaqsa kif huma jistgħu jgħinu jew kif huma jistgħu iferħu lil xi ħadd.

Eż. Inferħu lin-nanniet billi nżuruhom spiss.

Inferħu lill-ġenituri billi nobdu aktar u ngħinu.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 8.8, aqra s-silta mogħtija
- Spjega kif fl-ewwel eżerċizzju huma għandhom sitwazzjonijiet differenti u ridu jagħżlu l-aħjar mod ta' kif għandhom iġibu ruħhom.
- Iddiskuti Attivita  2 billi  jqabblu l-bidu mat-tmiem tas-sentenzi billi jeħduhom mis-sens.
- Iddiskuti Attivita 3 u asal għall-punt ta' kemm hu importanti li ngħinu lil xulxin mill-qalb.
- Agħlaq il-lezzjoni bit-talba u semma' d-diska..once we help.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**




- B'azzjonijiet sempliċi aħna nistgħu nferħu lil dawk ta' madwarhom.

- meta naħdmu flimkien  jirnexxielma  naħdmu u nsiru aħjar

## Nagħżlu flimkien (Attitude)

- It-tfal ser japprezzaw aktar dak li ħaddieħor jagħmel għalihom u kif ukoll ser ikunu kapaċi jaħsbu aktar f'ħaddieħor permezz ta' azzjonijiet sempliċi e.ż. tgħin, tobdi...




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

(Optional) Aqsam il-klassi fi tnejn. Kull grupp idealment ma jkunx fih aktar minn għaxra. Ara li jkollok numru għal kull student imniżżel fuq karta. In-numri huma minn wieħed sa għaxra għal kull grupp. Spjega lit-tfal li inti ser tati numru lil kull student. Wara li kulħadd ikolllu n-numru kull tim irid jifforma linja billi jiftiehmu bejniethom u jitkellmu u jaraw minn kien in-numru wieħed, in-numru tnejn, in-numru tlieta eċċ sabiex jiffurmaw linja wara xulxin. M'hiex ser tkun faċli daqshekk, iżda ladarba ż-żewġ timijiet jirnexxielhom jillestu, staqsi jekk kinitx faċli għall-ewwel u x'kien dak li bih irnexxielhom jiffurmaw il-linja kif suppost – bis-saħħa li għenu lil xulxin - teamwork. Jekk ikun hemm grupp li ma jirnexxilux i.e. idum ħafna tistgħu tiddiskutu li meta ma jkunx hemm għajnuna mingħand kulħadd hemm ċans akbar li ma jirnexxilniex nagħmlu dak li rridu. Għalhekk huwa importanti li kulħadd jagħti sehmu.



**Nitolbu**



Mulej jiddispjaċini għal kemm drabi ma kontx ta' għajnuna għall-oħrajn. Ġieli nħalli l-ħwejjeġ jew l-ġugarelli mal-art. Ġieli nagħmel l-istorbju ,meta nies oħra jridu jistrieħu. Mulej agħmel li nkun iżjed ta' għajnuna.

Niltobok Mulej għinni nagħti kas aktar u nqassam milli għand. Nitolbok, għinni ħalli nħobb iżjed.